*Kunsill Lokali Marsaskala*
228, Triq is-Salini, Marsaskala, Malta
Tel : 21637171, Fax : 21637744,
E-mail : marsaskala.lc@gov.mt

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Marsaskala

## IT-TMIEN LEĠISLATURA

**Laqgħa Numru 09**

**L-Erbgħa 12 ta' Frar 2020.**

Il-Kunsill Lokali Marsaskala ltaqa' fl-uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 228 Triq is-Salini Marsaskala fis-6:00 ta' filgħaxija.

**PREZENTI:**

Mario Calleja – Sindku
Charlot Mifsud – Kunsillier
John Baptist Camilleri- Kunsillier
Errol Cutajar - Kunsillier
John Schembri – Kunsillier
Mary Rose Mifsud- Kunsillier
Janice Falzon – Viċi Sindku

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A(3):**

Patrick Camilleri-Kunsillier

**ASSENTI:**

Ryan Portelli- Kunsillier

**UFFIĊJAL PREZENTI:**

Josef Grech – Segretarju Ezekuttiv

**9.1** ***Qari tal-ittri ta' apoloġiji:***

**9.1.1** Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi kien hemm ittra ta' apoloġija tal-Kunsillier is-Sur Patrick Camilleri.

**9.2** ***Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti Nru 8 tal-14 ta' Jannar 2020:***

**9.2.1** ***Il-Kunsillier s-Sur Charlot Mifsud ppropona l-approvazzjoni tal-minuti bħala dokument korrett u l-Kunsillier Dr Errol Cutajar issekonda. Il-votazzjoni kienet 5 favur, 0 kontra u 0 astenzjoni.***

**Il-minuti ġew unanimament approvati u ffirmati mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv bħala dokument korrett.**

**9.2.2** Is-Sindku s-Sur Mario Calleja tkellem fuq artiklu 8.3.1 paġna 2 u qal illi l-maratona tal-Inspire saret u kemm it-tazzi kif ukoll il-ħlas tas-servizz tal-Pulizija ġew provduti min ħaddieħor u qed jitolbu biex il-Kunsill iħallas għar-*refreshments* li ngħataw f'din l-attivita` li hija somma zgħira ta' flus.

Il-Kunsill qabel unanimament illi jħallas għar-*refreshments.*

**9.2.3** Is-Sindku s-Sur Mario Calleja tkellem fuq artillu 8.3.2 paġna 2 u informa lill-Kunsill illi l-*performance* mill-grupp ta` zeffina fl-okkazzjoni tac-celebrazzjonijiet ta` l-ewwel tas-sena Ċiniza ġewwa l-iskola San Ġwakkin saret, u kienet ta' suċċess.

**9.2.4** Il-Viċi Sindku s-Sinjorina Janice Falzon tkellmet fuq paġna 3 artiklu 8.3.4 u qalet illi min naħa tagħha irreġistrat lill-Kunsill illi bħala Volontary Organisation sabiex jottjeni il-VOC number u jkun jista japplika għal diversi skemi li joħorġu matul is-sena fejn jinkludu għajnuna ambjentali, għajnuna għal animali eċċ u tħoss li l-Kunsill m'għandux jinjora din l-inizjattiva u kultant zmien naraw jekk ikunx hemm xi skema li l-Kunsill jixtieq japplika għaliha għax fil-prezent l-iskemi kollha għalqu.

Is-Segretarju Ezekuttiv is-Sur Josef Grech qal illi tajjeb ninfurmaw lill-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali sabiex min naħa tagħhom jagħtu spinta akbar lill-Kunsilli Lokali kollha meta nkunu ser napplikaw għal xi skema.

**9.2.5** Is-Segretarju Ezekuttiv is-Sur Josef Grech informa lill-Kunsill illi is-sena l-oħra kien ħareġ tender il-Kunsill sabiex isir tisbiħ fi Ġnien Sant Anna fejn wara li kien hemm ħafna diffikultajiet sabiex dan isir dan it-tender kellu jaqa u issa erġajna ħriġnieh pero din id-darba rajna li ħallejna l-affarijiet li jridu jsiru sempliċi sabiex l-ammont ma jkunx jeċċedi l-istima bħal ma ġara is-sena l-oħra. Kompla jgħid li din hija skema li ħarġet min naħa tal-GAL XLOKK u l-applikazzjoni sabiex nieħdu il-fondi tinvolvi ħafna xogħol. Huwa informa lill-Kunsill illi se ssir tender għal street furniture, litter bins, bankijiet u railing tal-injam kompla jgħid illi l-MEUSAC qed tgħin ukoll f'din l-iskema.

**9.2.6** Il-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud tkellem fuq paġna 3 artiklu 8.4.1 u staqsa jekk il-Kunsill ivverifikax fejn waslet il-bye law.

Is-Segretarju Ezekuttiv infurmah illi ġie infurmat illi-bye law qed tiġi pproċessata u tieħu z-zmien biex tiġi ifinalizzata peress li tinvolvi wkoll diskussjoni fil-Parlament ta` Malta biex tiġi approvata.

**9.2.7** Il-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud staqsa fuq paġna 2 8.2.4 fiex wasal ix-xogħol tal-Waterpoint.

Il-Viċi Sindku s-Sinjorina Janice Falzon infurmatu illi l-kuntrattur qed jipprova jsib kulur taz-zebgħa tal-graffiato bħal ma hemm diġa sabiex jizboħ il-parti li indikajnilu u wara titwaħħal il-magna tal-ilma.

9.2.8 Il-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud staqsa fuq paġna 5 artiklu 8.8.3 jekk il-Kunsill bediex izomm rendikont tal-kilometeri li qed jgħamlu l-ħaddiema fil-vannijiet tal-Kunsill.

Is-Segretarju Ezekuttiv infurmah illi ftit jiem ilu rċieva d-dokument min naħa tal-Kunsilliera s-Sinjura Mary Rose Mifsud u jidher illi huwa aktar immirat għax-xufiera u l-ħaddiema tal-Kunsill ma jmorrux f'distanzi l-bogħod izda ħafna drabi jagħmlu ħafna ġiri fil-lokal stess.

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal illi mqar ikun hemm records ta darba f'ġurnata jew ftit jiem almenu l-Kunsill ikollu indikazzjoni ta' kemm qed jinħela fuel.

Kien hemm qbil illi l-ħaddiema jieħu rendikont tal-kilometri li jagħmlu darba f'ġimgħa.

9.2.9 Il-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud staqsa fuq paġna 5 kif bqajna mat-tabib tal-għajnejn li kellna nibgħatulu ittra minħabba l-ħajt li jrid itella.

Is-Sindku qal illi hu kellmu u Dr Bonniċi qallu li l-Kunsill għandu jirċievi risposta min naħa tal-Avukat tiegħu. Is-Sindku qal illi l-problema mhijiex għax ma tellax ħajt għaliex ħajt jezisti u qiegħed skond kif titlob il-liġi pero qed jintrema skart fil-front garden ta qabel il-ħajt.

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal illi anke skart wara l-ħajt iġifieri fl-għalqa qed jintrema.

Is-Segretarju Ezekuttiv qal illi ċ-ċint qiegħed mibni mal-building line.

Dr Errol Cutajar qal illi jekk l-għalqa privata tiegħu fiha l-ħmieġ l-Kunsill ma jidħolx fiha pero jekk il-front garden tiegħu qed jarmu fih l-Kunsill irid jobbliga lis-sid sabiex inaddfu.

Kien hemm qbil li nifnurmaw lis-Sanita' kif ukoll lill-Enforcement tal-PA.

9.2.10 Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri tkellem fuq paġna 3 8.4.1 u qal illi l-caravans diġa zdiedu u issa qed imorru anke ħdejn il-pixxina, kompla jgħid illi l-Kunsill għandu jkellem lill-Ministru ġdid is-Sur Aaron Farrugia u niddiskutu miegħu l-problema li qed naffaċjaw, kompla jgħid illi għalkemm hu ma jħossx li din hija kwistjoni li nkellmu l-Ministru ma fadlilna l-ebda għazla la ħadd mill-entitajiet ma jrid jieħu pozizzjoni.

Is-Sindku qal illi għandu laqgħa mas-Sur Farrugia u ser ikellmu hu fuq din is-sitwazzjoni.

9.2.11 Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri tkellem fuq paġna 3 artiklu 8.4.2 rigward ix-xogħolijiet fi Triq il-Qaliet.

Is-Sindku qal illi min naħa tiegħu ikun kuljum f'kuntatt mall-Infrastructure Malta pero l-Kuntratturi ma tistax kellimhom u qed jispiċċa jidher ikraħ hu mar-residenti għaliex kull ma jiġri jidher biss is-Sindku, kompla jgħid illi l-Bus shelter tat-Terminus tal-Pjazza Mifsud Bonnici wasal biex isir ukoll.

9.3 **<u>Komunikazzjoni mis-Sindku:</u>**

9.3.1 **<u>Performance bonus għal ħaddiema tal-RSS (35/0429/20/I):</u>**

Is-Segretarju Ezekuttiv qal illi l-ħaddiema tal-Community workers scheme għandhom agreement mal-LCA sabiex darba f'sena jieħdu performance bonus u l-ħaddiema tal-RSS ma jieħduhx u b'hekk qed jagħmlu talba lill-Kunsill sabiex huma wkoll ikollhom dan l-inċenttiv darba f'sena.

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri staqsa jekk din hijiex obligatorja.

Is-Segretarju Ezekuttiv qal illi mhijiex għax ma hemm l-ebda agreement mal-kumpanija tagħhom pero hija għad-diskrezzjoni tal-Kunsill u dan ġie ivverifikat mad-DLG.

Is-Sindku qal illi fl-opinjoni tiegħu għandhom jieħdu l-istess ammont li jieħdu l-ħaddiema tal-Community Workers Scheme.

Kien hemm qbil unanimu.

9.3.2 **<u>Devoluzzjoni tal-Franċiz Redoubt (35/0438/20/I):</u>**

Il-Kunsillier Dr Errol Cutajar qal illi l-Kunsill kien talab sabiex tiġi restawrata u l-Lands Department kienu ikkonfermaw li biex nagħmlu xi ħaġa rridu nieħdu d-devoluzzjoni tar-Ridott.

Is-Segretarju Ezekuttiv is-Sur Josef Grech qal li l-iskema ma kinitx aċċettata t-talba għar-restawr tar-Ridott mill-Kunsill peress li r-restawr jiswa ħafna flus.

Is-Segretarju Ezekuttiv is-Sur Josef Grech qal illi kien mar fuq il-post mas-Supretendent is-Sur Tony Pace u qallu li r-restawr jitla 'l fuq minn miljun ewro.

Dr Errol Cutajar qal illi jaħseb li dan ir-restawr għandu jaqa f'idejn il-Gvern Ċentrali.

Il-Viċi Sindku s-Sinjorina Janice Falzon qalet illi hi tkelmet mal-Onor Jose Herrera u ser jgħati l-għajnuna tiegħu f'din l-iskema. Il-Kunsill pero' għamila ċara li ma jridx jidħol għar-restawr ta' dan ir-Ridott bħala Kunsill peress li għandu jkun l-Gvern Ċentrali.

Is-Segretarju Ezekuttiv is-Sur Josef Grech qal illi s-supretendent qal illi l-valur tal-blat illi hemm taħta li qed jiġġarraf jeċċedi l-importanza tar-Ridott.

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal illi bħala Kunsill nistgħu nikomunikaw ma Wirt Artna li qed jieħdu ħsieb Torri San Tumas.

Is-Sindku qal illi kellem lis-Sur Mario Farrugia u infurmah illi min naħa tiegħu tefa t-tender darbtejn biex isir restawr fuq it-Torri pero qatt ma giet aġġudikata.

Kien hemm qbil unanimu illi nikkomunikaw mal-Onor Herrera sabiex dan ir-restawr jaqa taħt idejn il-Gvern Ċentrali.

9.5 **<u>Rapporti:</u>**

9.5.1 **<u>Approvazzjoni tal-Unaudited Financial Statements għas-sena 2019:</u>**

Is-Segretarju Ezekuttiv spjega l-Unaudited Financial Statements għas-sena 2019.

***Il-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud ippropona l-approvazzjoni tal-Unaudited Financial Statements għas-sena 2019 bħala korretti u l-Kunsillier is-Sinjura Mary Rose Mifsud issekondat. Il-votazzjoni kienet 7 favur, 0 kontra u 0 astenzjoni.***

**9.5.2 KLM 2019/08 Professional Services of a Contracts Manager Marsasakala Local Council:**

Is-Segretarju Ezekuttiv informa lill-Kunsill illi ħarġet is-sejħa ta' Contracts Manager fejn kellna offerent wieħed u ġie evalwat mill-bord tal-evalwazzjoni u huwa *technically,financial and administratively compliant* u allura qablu li tingħata lil unika offerent GCS Accounting Malta Ltd.

Il-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud staqsa jekk jaħdem aktar kif jitħallas.

Is-Segretarju Ezekuttiv qal illi ma jistax jaħdem inqas minn 20 siegħa għaliex ir-rata hija fissa. Jekk jaħdem aktar xorta se jaqla l-istess.

Kien hemm qbil unanimu illi GCS Accounting jingħata l-offerta.

**9.5.3 KLM 2019/09 Upkeep of Non Urban Roads in the Locality of Marsaskala, using various Environmentally Friendly Methods:**

Is-Segretarju Ezekuttiv informa lill-Kunsill illi ħarġet is-sejħa u kellna zewġ offerenti u wara li ġew evalwati mill-bord it-tnejn kienu *technically,financial and administratively compliant* u allura qablu li tingħata l-irħas offerent Mr Saviour Mifsud.

Kien hemm qbil unanimu illi s-Sur Saviour Mifsud jingħata l-offerta.

***Il-Kunsillier is-Sinjura Maryrose Mifsud ippropona l-approvazzjoni tal-aġġudikazzjoni tat-tenders u l-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud issekondat. Il-votazzjoni kienet 7 favur, 0 kontra u 0 astenzjoni.***

**9.6 Items oħra ta' xogħol ieħor tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa:**

Ma kienx hemm items oħra.

**9.7 Korrispondenza:**

**9.7.1 Approvazzjoni tal-fondi għal Marsaskala Sports Club (Waterpolo):**

Is-Segretarju Ezekuttiv informa lill-Kunsill illi rċivejna korrispondenza mill-Waterpolo club f'Marsaskala fejn qed jitolbu li nħallsu għall-*coaching* kif għamilna mall-Football club u qed jitolbu l-ħlas għas-sena 2019.

Is-Segretarju Ezekuttiv saħaq illi kull NGO jew għaqda għandu jkollu VAT receipt anke jekk hi exempt. Il-Kunsill ma jista qatt jagħti fondi lill xi NGO mingħajr ma jingħata lura riċevuta tal-VAT.

Kien hemm qbil unanimu ill-nħallsu għal coaching tal-Waterpolo dejjem jekk jipprezentaw riċevuta tal-VAT u din tapplika mis-sena 2019.

**9.7.2 Permess għal bini tal-Kunsill maħruġ. Problema bil-piling (35/0344/20/I):**

Is-Sindku qal illi kellu laqgħa mal-Kuntratturi li ser jibnu l-Kunsill flimkien mall-Perit tal-Kunsill għaliex inqalgħet problema fuq il-piling fejn meta l-Perit tal-Kuntrattur qabbad laboratorju u ħa sample ta *bore hole* waħda sab li hemm iktar għoli min dak li indika fit-tender u l-ispiza kienet ser titla għal €60000 u l-Kunsill ma aċċettax anke wara li l-Perit tal-Kunsill qalet illi kien hemm diskrepanza kbira fil-prezz tal-piling mill-istima li kienet ħadet hi min laboratorju ieħor.

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri staqsa kemm qed jaħsbu li hemm fond.

Is-Segretarju Ezekuttiv qal illi l-Perit kien ħa samples ta 6 bnadi fejn il-varjanza kienet ta massimu 12-il metru fejn is-sample li ħadu din id-darba il-kuntrattur kien tal-iktar parti għolja u qalilna li hemm 18-il metru.

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal li jħoss li 18-il metru huma wisq u mhux ħa jkun hemm 18-il metru kullimkien.

Il-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud qal illi hu kien prezenti waqt il-laqgħa illi l-prezz għandu jiġi determinat skond kemm ser jinzlu fi bnadi differenti kif ukoll il-ħxuna tal-piles u ma jħossx li għandna nikkomettu ruħna li nħallsu dak il-prezz meta ma nafux ezatt x'ħa nsibu.

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal illi hu jixtieq li jmur ikejjel qabel ma jagħtu l-konkos.

Is-Sindku qal illi jaqbel li s-Sur John Baptist Camilleri jieħu l-kejl pero jekk mhux ser naqblu li nħallsu l-amont li talbuna ser nispiċċaw ntawlu u ma naslu qatt.

Is-Segretarju Ezekuttiv qal illi tajjeb li l-kuntratturi jibgħatu l-offerta tagħhom bil-miktub lill-Kunsill pero' l-Perit tal-Kunsill kienet sostnit li t-tender ħarġet design and build u l-Kunsill ma kienx se jaċċetta varjanza fil-prezzijiet.

Sar qbil li nistennew l-ittra bil-miktub.

**9.7.3 <u>Talba mil-Banda Sant'Anna biex il-Kunsill jgħin lill-Għaqda waqt l-attivita' prinċipali tal-Ġimgħa Mqaddsa (35/0312/20/I):</u>**

Is-Segretarju Ezekuttiv spjega illi bħal kull sena l-banda Sant'Anna qed titlob xi għajnuna mill-Kunsill sabiex titella l-attivita' tal-Ġimgħa mqaddsa pero f'din l-ittra hemm mnizzel li jixtiequ li l-Kunsill ma joħroġx permess għall-bejjiegħa li jarmaw fil-viċinanzi tal-Knisja Parrokjali fejn il-Kunsill ma jistgħax jagħmel dan anke minġabba li hawn ħafna hawkers li m'għandhomx bzonn il-permess tal-Kunsill.

Il-Kunsill qabel illi nipprovdu l-imwejjed kif ukoll l-pubblikazzjoni tal-fuljett li jitqassam waqt il-wirja sagra imma t-talba tagħhom li ma jinħarġux permessi lil bejjiegħa ma tistax tiġi milqugħa.

**9.7.4 <u>Talba minn Infrastructure Malra biex isir tħawwil ta' siġar f'Marsaskala 935/0319/20/I):</u>**

Is-Segretarju Ezekuttiv informa l-Kunsill illi rċivejna korrispondenza min naħa ta' Infrastructure Malta fejn qed jistaqsu l-Kunsill sabiex nallokaw postijiet fejn nixtiequ li jsiru siġar indiġini fil-Lokal. Kompla jgħid ukoll illi ser ikollha titneħħa siġra waħda biss min Ġnien Sant Anna minħabba l-bini amministrattiv liema siġra qed tagħmel ħafna ħsara bl-egħruq u mjijiex protetta.

Il-Viċi Sindku s-Sinjorina Janice Falzon qalet illi sejra idur il-lokal u tara fejn hemm bzonn li jitwaħħlu dawn is-siġar.

9.7.5 **Informazzjoni mil-Insurance rigward il-possibilita' li l-Kunsill ikopri l-parkeġġ ta' taħt l-iskola b'polza ta' assigurazzjoni ta' €550 fis-sena eskluz it-taxxa (35/0327/20/O):**

Is-Segretarju Ezekuttiv informa l-Kunsill illi l-Iskola San Gwakkin talbu l-Kunsill sabiex jagħmel insurance li tkopri kull tip ta' ħsara li tista isseħħ fil-parking area fil-ħinijiet ta wara l-ħinijiet tal-iskola fejn ser ikunu qed jipparkjaw residenti, kompla jgħid li l-ispiza tal-insurance hija dik ta €550 fis-sena fejn tkopri sa miljun ewro.

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri isuġerixxa illi nistaqsu l-iskola jekk nistgħux nagħmlu insurance konġunta ma tagħhom biex b'hekk titnaqqas l-ispiza u l-Kunsill ikun jista jħallas lill-iskola.

Il-Kunsill qabel li nistaqsu lill-iskola jaċettawx li issir insurance konġunta u tintuza l-assigurazzjoni tagħhom.

9.7.6 **Appell quddiem it-tribunal tal-appell rigward PA6604/18 li tikkonċerna estensjoni tal-Fuel Station. Il-Kunsill oġġezzjona għal din l-estensjoni (35/0278/20/I):**

Is-Segretarju Ezekuttiv informa lill-Kunsill illi rċievejna mit-tribunal tar-revizjoni fejn qed jinfurmawna illi l-appellant reġgħa tefa l-appell tiegħu.

Dr Errol Cutajar qal illi tajjeb nerġgħu nibgħatulhom il-pozizzjoni tal-Kunsill dik li ma naqblux ma l-estenzjoni.

Kien hemm qbil unanimu li l-Kunsill jerġgħa jinforma lit-tribunal bil-pozizzjoni tiegħu.

9.7.7 **Il-Kunsill rċieva lista ta' kandidati prospettivi għax-xogħol ta' skrivan bl-iskema mirbuħa mill-Kunsill:**

Is-Segretarju Ezekuttiv qal illi l-Kunsill kien rebaħ l-iskema sabiex jimpjega miegħu skrivan bl-iskema CIES li hija skema biex tgħin persuni bi bzonnijiet speċjali u wara li l-Jobsplus bgħatitilna l-lista ta' kandidati prospettivi ħadd minnhom ma bgħatilna CV.

Is-Sindku qal illi jħoss li la darba ħadd ma wera nteress il-Kunsill għandu jwaqqa din is-sejħa.

Il-Kunsill qabel unanimament illi għal din is-sena nwaqqu din is-sejħa.

9.7.8 **Talba għal assistenza mill-Marsaskala FC YN (35/0144/20/I):**

Il-Viċi Sindku s-Sinjorina Janice Falzon qalet illi avviċinawa Marsaskala FC fejn qalula illi jixtiequ li l-Kunsill jgħinhom għaliex tħammeġ it-turf tagħhom minħabba llogħob tan-nar li sar fil-festa ta' Marsaskala u meta ħadu stima tat-tindif kienet dik ta €650 (exc VAT).

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal illi din hi parti mill-iskola.

Il-Kunsill qabel illi ma jħallasx minħabba li diġa għen direttament lil-Football Club filwaqt li din iz-zona taħt il-kompetenza tal-iskola li għandhom jieħdu l-passi huma biex jaraw minn fejn se jsibu l-fondi.

**9.8** **<u>Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti:</u>**

Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill bl-*invoices* li daħlu tard u ser jippreżenthom waqt il-laqgħa:

| Kreditur | Deskrizzjoni | Nru tal-Invoice | Ammont |
|---|---|---|---|
| Racs Cleaning | Maid at Council premises Dec-Jan | KLMS11 | €361.00 |
| Borg Cardona & Co Ltd | 6 Cat Cages | 00070586 | €149.39 |
| Toni's Wines & Spirits | Kristal water for Council | S52738 | €220.00 |
| Ms Doreen Mintoff | Accounting services 01.01.20-31.01.20 | 20-003 | €759.92 |
| Mr Jimmy Muscat | Bulky Refuse Jan 2020 | 001/20 | €2526.04 |
| RVC Event Lighting | Bill for Christmas Village lighting setup | 4687 | €3068.00 |
| Ms Annalise Farrugia | Public Convenience 13th Jan-12th Feb 2020 | 20.2 | €1781.27 |
| Melita Ltd | Internet and telephone bill for Training centre | 109182793 | €47.00 |

**9.8.1** Is-Segretarju Ezekuttiv informa lill-Kunsill illi kien hemm zball fil-pagament numru 928 ta RVC Event Lighting għaliex dak kien kwotazzjoni u l-kont finali daħal issa u mnizzel fit-tabella ta artiklu 9.8 u l-pagament numru 928 ser jiġi mħassar.

**9.8.2** Is-Segretarju Eżekuttiv ppreżenta il-Petty cash għax-xahar ta' Jannar 2020.

***Il-Kunsillier is-Sinjura Mary Rose Mifsud ipproponiet l-awtorizazzjoni tal-pagamenti u l-Kunsillier Dr Errol Cutajar issekonda. Il-votazzjoni kienet 7 favur, 0 kontra, 0 astenzjoni***

**9.9** **Mozzjonijiet:**

**9.9.1** **<u>Mozzjoni mressqa mill-Kunsillier- is-Sur John Baptist Camilleri: (#033 – 21/1/20) -Is-Sekondata mill-Kunsillier is-Sinjura Mary Rose Mifsud:</u>**

*"Jipproponi li issir biċċa mill-bankina fi Triq ta'Monita għal Triq l-Immakulata għax imkissra u perikoluza."*

Kien hemm qbil unanimu dwar din il-mozzjoni.

**9.9.2** **<u>Mozzjoni mressqa mill-Kunsillier- is-Sur John Baptist Camilleri: (#034 – 21/1/20) -Is-Sekondata mill-Kunsillier is-Sinjura Mary Rose Mifsud:</u>**

*"Jipproponi li nagħmlu talba lil TM sabiex issir zebra crossing fit-tarf ta' Triq tal-Gardiel lejn Triq il-Qaliet ħdejn l-Oriental Garden."*

Kien hemm qbil fil-prinċipju imma ser nistennew ix-xogħol li jitlesta min naħa ta' Infrastructure Malta għal dawk l-inħawi.

**9.9.3 Mozzjoni mressqa mill-Kunsillier- is-Sur Ryan Portelli: (#035 – 21/1/20) :**

*"Jipproponi li biex nizguraw li kull ilment li jilħaq il-Kunsill Lokali jiġi rizolt, nixtieq nipproponi li f' kull seduta, tiġi ppublikata lista ta' nies li ċemplu l-Kunsill biex jilmentaw, is-suġġett tal-ilment, u d-data li fih ġie trattat l-ilment."*

Din il-mozzjoni ser tgħaddi fil-laqgħa tal-Kunsill li jmiss minħabba li l-Kunsillier is-Sur Ryan Portelli kien assenti għal din il-laqgħa.

**9.9.4 Mozzjoni mressqa mill-Kunsillier- is-Sur Ryan Portelli: (#036 – 21/1/20) :**

*"Jipproponi li l-għawwiema jkollhom aċċess sigur biex jinzlu jgħumu fil-bajja. Għaldaqstant, biex l-aċċess ma' jibqax ta' periklu, qed nressaq mozzjoni biex isir taraġ tal-injam minflok ir-rampa preċedenti li hemm, maħduma mit-tafal tal-blat stess."*

Din il-mozzjoni ser tgħaddi fil-laqgħa tal-Kunsill li jmiss minħabba li l-Kunsillier is-Sur Ryan Portelli kien assenti għal din il-laqgħa.

**9.9.5 Mozzjoni mressqa mill-Kunsillier- is-Sur Ryan Portelli: (#037 – 21/1/20) :**

*"Jipproponi sabiex jinħoloq spazzju rikrejattiv fiz-zona ta' Bellavista. Għaldaqstant l-art pruvata li tinsab f'idejn il-Lands Authority, tiġi mgħotija skont il-liġi, lill-Kunsill Lokali u tinbidel fi spazju miftuħ. Permezz ta' tqegħid ta' ħamrija, isir ukoll street furniture minn materjal riċeklat u tħawwil ta' pjanti u fjuri."*

Din il-mozzjoni ser tgħaddi fil-laqgħa tal-Kunsill li jmiss minħabba li l-Kunsillier is-Sur Ryan Portelli kien assenti għal din il-laqgħa.

**9.10 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss:**

L-Aġenda ġiet eżawrita kollha u l-laqgħa spiċċat fit-8.30pm. Il-laqgħa tal-Kunsill li jmiss ser issir Nhar it-Tnejn 16 ta' Marzu 2020 fis-6:00pm.

Ikkonfermat illum 12 ta' Jannar 2020.

| | |
|---|---|
| Iffirmat | Iffirmat |
| _______________ | _______________ |
| **Josef Grech** | **Mario Calleja** |
| Segretarju Ezekuttiv | Sindku |